MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 1429/1998/1

Kawza fil-lista: 5

A B pro et noe
Vs
C B

Il-Qorti,

**Rat ir-rikors presentat mill-konvenut fit-8 ta’ Frar 2000 li permezz tieghu talab li jiggustifika l-kontumacja; [fol.25]**

**Rat ir-risposta prezentata mill-attrici fil-15 ta’ Marzu 2000;**

**Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fis-7 ta’ April 2000 li permezz tieghu kienet irriservat li tipprovdi wara li tisma lill-partijiet fis-seduta li jmiss; [fol.29];**

**Illi jidher li minhabba kambjament fid-doveri ta' l-Imhallfin dawn il-provi baqghu ma nstemghux u l-kawza baqghet ghaddejja bis-smigh tal-provi quddiem il-perit legali. Sar ir-rapport mill-perit legali u l-kawza thalliet ghas-sentenza.**

**Sussegwentement sar rikors iehor ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza prezsentat fil-5 ta' Ottubru 2004, kif ukoll sabiex il-konvenut jinghata "opportunita' li jiggustifika l-kontumacja tieghu sabiex ikun jista jikkontesta l-kawza u jsemma lehnu principalment dwar il-kontenut tal-assi li jappartjenu l-komunjoni ta' l-akkwisti u l-qsim ta' l-istess." [fol.155]. Il-Qorti hadet konjizzjoni tar-risposta ta' l-attrici.**

**Illi l-kontestazzjoni tal-konvenut hija fis-sens li, ghalkemm mir-riferta jirrizulta li huwa kien gie notifikat bic-citazzjon u bl-avviz fis-6 ta' Lulju 1999 [fol.22 tergo] billi kopja ta' l-atti gudizzjarji nghatat lit-tifel tal-kontendenti Rosmar B, in effetti dawn l-kopji**

**qatt ma nghataw lilu ghax, skond hu, ma kienx ghadu joqghod f' dak l-indirizz u t-tifel tieghu ma kienx tah id-dokumenti [ara deposizzjoni tieghu tal-20 ta' Ottubru 2005 quddiem din il-Qorti a fols.187-188].**

**Mill-atti tal-kawza jirrizulta:**

**[1]li l-konvenut, ghalkemm ma kienx jattendi ghas-seduti quddiem il-Qorti, <u>kien attenda ghaz-zewg seduti peritali</u> tal-24 u tal-31 ta' Jannar 2000 li fihom kienet xehedet l-attrici, u hu kien assistit mill-Avukat Dottor Tony Ellul [fols.79 sa 83]; u ghalhekk huwa kien jaf kemm bil-kawza, kif ukoll bl-inkariku li kienet qeda tesegwixxi l-perit legali. Sussegwentement fit-8 ta' Frar 2000 huwa pprezenta r-rikors fuq indikat;**

**[2] li, nonostante li l-Qorti kienet irriservat li tipprovdi dwar ir-rikors tieghu u li jidher li d-digriet finali ma kienx inghata minhabba nuqqasijiet amministrattivi, il-konvenut tul <u>il-hames snin kollha</u> sakemm il-kawza**

**thalliet ghas-sentenza wara l-prezentata tar-rapport tal-perit legali, qatt ma hass il-htiega li jattira l-attenzjoni tal-Qorti ghar-rikors imsemmi biex fi stadju bikri tal-kawza jkun jsta' "jsemmi lehnu"; izda minflok, halla l-proceduri ghaddejjin, bil-konsapevolezza kollha li d-digriet finali ma kienx ghadu inghata, u wara li gie prezentat ir-rapport tal-perit legali u l-kawza thalliet ghall-ezami tar-rapport u sussegwentement ghas-sentenza, huwa talab il-prolazzjoni tas-sentenza sabiex ikun jista' "jsemmi lehnu";**

**[3] li, wara li b' digriet tal-<u>1 ta' April 2005</u> [fol.162] il-Qorti, diversament presjeduta, kienet laghet it-talba tal-konvenut u taghtu l-opportunita' sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu billi jipprezenta affidavits relattivi ghat-talba tieghu kif ukoll jipproduci xhieda fiz-zewg seduti li l-Assistant Gudizzjarju kien inkarigat biex izomm appozitament, il-konvenut injora ghal kollox il-kontenut tad-digriet; u di fatti, kif jirrizulta mill-verbali prezentati mill-Assistant Gudizzjarju, ghalkemm dan kien iffissa zewg seduti ghall dan l-iskop, <u>il-konvenut baqa ma deherx</u> u s-seduti ma setghux jitkomplew [ara fols.170-171];**

**[4] li, nonostante dawn l-opportunitajiet kollha li kienu nghataw lill-konvenut sabiex 'isemma lehnu' fil-kawza, din il-Qorti, diversament presjeduta, fl-udjenza tal-20 ta' Ottubru 2005 [fol.179], semghet lill-konvenut bil-gurament, u ordnat lill-istess Assistant Gudizzjarju jzomm seduta biex jisma lil perit legali; izda, ghalkemm l-Assistant Gudizzjarju ffissa seduta fl-20 ta' Frar 2006, il-konvenut baqa' ma deherx u lanqas harrek xhieda, b' hekk is-seduta ma setghetx titkompla [fol.181].**

**Illi mill-premess jirrizulta car li, mhux talli l-konvenut ma ressaqx provi, ghajr ghax-xhieda tieghu, dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja, u dana nonostante d-diversi opportunitajiet moghtija lilu mill-Qorti ghal dan l-iskop, izda bil-komportament abusiv tieghu huwa kkaguna dewmien esagerat fil-kawza, b' hela ta' hin**

**tal-Qorti u bi pregudizzju ghad-dritt ta’ l-attrici li l-kawza taghha tinqata’ minghajr dewmien inutili.**

**Ghaldaqstant it-talba tal-konvenut rikorrent ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja qeda tigi defenittivament michuda, bir-rizerva li din il-Qorti tapplika fil-konfront tieghu d-dispost ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [10] tal-iskeda A tal-Kap.12.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------